MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 310/2004

**Avviz numru  310/04 DM**

**Albert Rizzo**

**Vs**

**Dr. Luciano Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta minhabba kitba malafamanti li l-ghan taghha huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta’ l-attur, jigifieri artikolu li gie ppubblikat fil-harga ta’ l-1 ta’ Gunju, 2004, tal-gurnal ‘l-Orizzont’ intestat ‘Luciano Busuttil – Ghas-Servizz tac-Cittadin – Minkejja t-tfixkil tal-PN fil-Gzira, tal-Labour

iwettqu dak li jwieghdu', liema artiklu gie ppubblikat fil-gimgha ta' qabel l-elezzjoni ghall-Kunsill Lokali tal-Gzira.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Luciano Busuttil fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-fatti li fuqhom qed issir din il-kawza odjerna huma veritjeri u sehhew tassew kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;
2. Fi kwalunkwe kaz l-artiklu odjern jikkonsisti f'fair comment ;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi kemm fis-seduta tas-27 ta' April, 2005, kif ukoll fis-seduta tal-lum la l-attur u lanqas id-difensur tieghu ma deheru, u peress illi fis-seduta tal-lum il-konvenut talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Wara li rat l-Artikolu 199 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tehles lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------